



Intervista lil missieri Emmanuel Zammit dwar ix-xogħol tiegħu ta' restawratur

# Żejtuni fi Knejjes Għawdxin

***Tikteb: Massabielle Zammit***

Missieri ilu jaħdem ta' restawratur fuq il-pittura għal bosta snin. Dejjem nafu jiġri minn knisja għal oħra u minn kunvent għal ieħor kemm f' Malta kif ukoll f' Għawdex.

**Naf li qed taħdem fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina ġewwa x-Xagħra Għawdex. Tista' tgħidilna xi ħaġa dwar ix-xogħol li wettaqt?**

Ilni midħla tal-parroċċa tax-Xagħra għal dawn l-aħħar tmien snin. Wara li ħdimt f'bosta parroċċi u kunventi ġewwa Għawdex kien imiss issa l-parroċċa tax-Xagħra. Kont avviċinat mill-Arċipriet Mons. Dun Karm Refalo u l-kapitlu tal-istess bażlika fejn iddiskutejna l-proġett ta' restawr li kellu jibda. Kien proġett ambizzjuż u anke xi ftit iebes. Bdejt bir-restawr tal-kuppletti u n-navi. Bdejna biex fuq l-altari ta' taħt in-navi nagħlquh peress li kull navi fuq kull altar kienet miftuħa beraħ bi speċi ta' tieqa kbira nofs tond li kienet twassal min-naħa għal oħra. Minflok ħloqna ħames twieqi żgħar li taw dehra aktar eleganti fl-arkitettura tal-knisja. Bdejna biż-żebgħa tal-ġebla u l-induratura bid-deheb tal-iskultura kollha u r-restawr ta' kull kuppletta. Iġifieri r-restawr tal-pittura li tpittret direttament fuq il-ġebla b'teknika taż-żejt mill-pittur Taljan Virgilio Monti fis-snin 20 tas-seklu l-ieħor. Għal sitt snin sħaħ jien kont inkarigat mir-restawr kollu tal-pittura li barra l-kuppletti kienet tinvolvi wkoll erba' pendenti ta' taħt kull koppla. Il-pittura tal-kuppletti tan-naħa tal-lemin għandhom suġġetti konnessi ma' kull altar li jinsab fuqu. Dawn huma ddedikati lil San Mauriziu Martri, lill-Madonna tal-Karmnu u San Publiju. Tax-xellug huma ddedikati lil San Lawrenz, lill-Madonna tad-Dawl u lil San Pawl. Fuq il-pendenti hemm impittra qaddisin konnessi ma' kull altar. Ix-xogħol li sar kemm minni u kemm minn oħrajn bħall-induratur u ż-żebbiegħ intlaqa' tajjeb ħafna. Bit-tħabrik tal-arċipriet, il-kleru u l-ġenerożita' tal-poplu tax-Xagħra dan kollu seta' jsir.

*Kien proġett ambizzjuż u anke xi ftit iebes.*

Fil-preżent għaddej minn fażi oħra ta' restawr; dak tal-koppla l-kbira. Wara li ngħalqet bdejna bir-restawr li għadu għaddej sal-lum. Sar tindif u konservazzjoni tal-pittura li tpittret mill-istess pittur Taljan Virgilio Monti fl-1927. Dan il-pittur ħadem f'bosta knejjes madwar l-Italja kollha fosthom fil-Bażilika tal-

Buon Consil ġewwa Genezzano. Fix-xogħol tiegħu fix-Xagħra wera l-kapaċita` tiegħu fl-esekuzzjoni tad-disinn u kemm fl-armonija tal-kuluri li ħoloq. Timmeraviljak il-kobor tal-figuri li esegwixxa. Qed isir ukoll restawr ieħor fit-tambur tal-koppla li jikkonsisti f'tindif u tiswija tal-iskultura u anke induratura bid-deheb. Il-pittura li żżejjen din il-koppla maestuża tirrappreżenta l-inkurunazzjoni tal-Verġni Marija mit-Trinita` Qaddisa. Tispikka l-figura tal-Madonna li b' libsa bajda twila mdawra b'kori t'anġli u profeti jiffiguraw it-Testiment il-qadim u dak ġdid flimkien ma' figuri oħra li għandhom konnessjoni mal-Madonna bħal San Ġużepp, San Ġwann il-Battista, Santa Anna u San Ġwakkin.

**Barra dan li semmejt wettaqt xi xogħol ieħor ta' restawr barra minn restawr fuq il-pittura?**

Iva wettaqt, pero' ma rridx ninsa nsemmi r-restawr li għamilt fuq it-titular tat-twelid tal-Bambina. Kwadru b' valur artistiku kbir, li għadna sal-lum ma nafux min ħadem din l-opra hekk kbira. Barra r-restawr li diġa` semmejt, t' interess għalina ż-Żwieten huwa li fil-bażilika tax-Xagħra tinstab statwa verament sabiħa u artistika tal-Madonna tar-Rużarju xogħol ta' Żejtuni bħalna, l-iskultur Xandru Farrugia. Din l-istatwa li rrestawrajtha jien, hi maħduma fl-injam. Wara r-restawr li sar fuqha ġie deċiż li titpoġġa f'niċċa fis-sagristija ħalli titgawda matul is-sena kollha. Statwa oħra tar-Rużarju li wkoll irrestawrajtha jien u tinsab f'niċċa fil-knisja, hi differenti minn dik ta' qabilha għax barra l-Madonna bil-Bambin, insibu wkoll il-figuri ta' San Duminku ħa jilqa' l-kuruna tar-Rużarju u n-naħa l-oħra l-figura ta' San Mikiel l-Arkanġlu. Din ġiet maħduma ġewwa Marsilia.

Barra l-Knisja tax-Xagħra wettaqt bosta xogħlijiet oħra ta' restawr f'Għawdex fosthom fil-Katidral iddedikat lill-Assunta ġewwa r-Rabat fejn fuq medda ta' snin irrestawrajt il-pittura tas-saqaf kollu tal-istess katidral, xogħol maħdum bit-teknika mhux komuni mill-pittur Ganni Vella. Barra dan għamilt ir-restawr komplet tal-kappella tas-Sagrament fejn il-kuppletta u l-pendenti huma xogħol il-pittur Filippo Venuti. Kif ukoll it-tindif ta' restawr ta' bosta inkwadri tal-altari xogħlijiet mill-isbaħ li ħarġu mill-pinzellati ta' Mikiel Busuttil, Ġużeppi Hyzler u oħrajn. Ma rridx ninsa nsemmi l-inkwadri titulari li ġejt imqabbad nagħmel restawr fuqhom bħal dak tal-knisja l-qadima ta' Għajnsielem li jirrapreżenta lill-Madonna ta' Loretu, xogħol li ħareġ minn idejn l-artist Żejtuni Mikiel Busuttil. Dak tas-Sannat xogħol mill-isbaħ ta' Stefano Erardi li jirrappreżenta lil Santa Margerita V.M u xejn inqas dak tal-Għasri, xogħol il-pittur Lazzaro Pisani li jirrappreżenta t-twaqqif tal-Ewkaristija. Ma dawn inżid bosta opri oħra bħal statwi u kurċifissi maħdumin fl-injam.

*... Qed ngħid dan kollu biex nuri li aħna ż-Żwieten kapaċi li nagħmlu mhux isem għalina biss imma li bix-xogħol u bl-arti tagħna nkabbru isem ir-raħal tagħna*

Qed ngħid dan kollu biex nuri li aħna ż-Żwieten kapaċi li nagħmlu mhux isem għalina biss imma li bix-xogħol u bl-arti tagħna nkabbru isem ir-raħal tagħna...iż-Żejtun. Nawgura l-Festa t-Tajba lil kulħadd.

